**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 31 ta' Jannar, 2017

**Il-Pulizija**
**(Supt. Ian J. Abdilla)**

**-vs-**

**Massimo Cremona detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 333273M.**

***Kumpilazzjoni Nru. 539/10***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Massimo Cremona u ċioè talli:

> F'Settembru 2007 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer b'diversi atti magħmulin fi żmienijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:
>
> 1. b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex jġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) għad-dannu tal-Gvern ta' Malta;
>
> 2. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem u ċjoè invoices kummerċjali billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn

obbligi jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsola, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw kif ukoll talli xjentament għamel użżu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

3. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, sabiex kiseb xi vantaġġ jew benefiċju għalih jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentament għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz.

Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, akkużat ukoll talli:

4. fis-27 ta' Frar, 2004, u/jew f'xi data qabel, xjentament issottometta informazzjoni f'tagħrif, fid-dokument tad-Dwana SAD Reference No 2004600015171 relatat ma' Fattura bin-numru 5280 datata 9-1-2004, biex sussegwentament tkun tista' tiġi rilaxxata konsenja ta' 769 kaxxa Frozen Beef (12,991Kgs), liema dokumenti juru valuri anqas minn dak oriġinali. B'dawn id-dokumenti, hu xjentament għamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valur reali fis-sens li l-valur dikjarat kien ta' Lm43,528 (€101,786), levy imħallas kien ta' Lm 1,299 (€3,038) meta fil-fatt il-valur reali kellu jkun ta' Lm43,872 (€10,2591). Il-merkanzija in kwistjoni kienet ġiet importata f'Malta fis-27 ta' Frar, 2004, minn New Zealand mal-vapur 'Auckland' u ġiet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana TDID (Declaration) No. 20045600015171;

5. fid-29 ta' Marzu, 2004, u/jew f'xi data qabel xjentament issottometta informazzjoni f'tagħrif, fid-dokument tad-Dwana SAD Reference No 2004600021327 relatat ma' Fattura bin-numru 5547 datata 17-2-2004, biex sussegwentament tkun tista' tiġi rilaxxata konsenja ta' 1092 kaxxa Frozen Beef (15,752.56 Kgs), liema dokumenti juru valuri anqas minn dak oriġinali. B'dawn id-dokumenti, hu xjentament għamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valur reali fis-sens li l-valur dikjarat kien ta' Lm15,102 (€35,443), levy imħallas kien ta' Lm 1,575 (€3,696) meta fil-fatt il-valur reali kellu jkun ta' Lm25,170 (€59072). Il-merkanzija in kwistjoni kienet ġiet importata f'Malta fl-24 ta' Marzu, 2004, minn New Zealand mal-vapur 'Marfet Province' u ġiet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana TDID (Declaration) No. 2004600021327;

6. fid-9 ta' Frar, 2005, u/jew f'xi data qabel issottometta informazzjoni f'tagħrif, fid-dokument tad-Dwana SAD Reference No 2005600136222 relatat ma' Fattura bin-numru 6128 datata 31-12-2004, biex sussegwentament tkun tista' tiġi rilaxxata konsenja ta' 959 kaxxa Frozen Beef (13,693.5 Kgs), liema dokumenti juru valuri anqas minn dak oriġinali. B'dawn id-dokumenti, hu xjentament għamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valur reali fis-sens li l-valur dikjarat kien ta' Lm34,136 (€35,443), dazju mħallas kien ta' Lm 6,827 (€15,829) meta fil-fatt il-valur reali kellu jkun ta' Lm68,214 (€158,160) u Lm13,643 (€31633) rispettivament. B'hekk bil-ħsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta, hu xjentament kellu b'xi mod x'jaqsam filli bil-qerq jinħarab id-dazju li jammonta għal Lm 6,816 (€15,804). Il-merkanzija in kwistjoni kienet ġiet importata f'Malta fil-5 ta' Frar, 2005, minn New Zealand mal-vapur 'Lipa' u ġiet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana TDID (Declaration) No. 2005600136222; u

7. fis-16 ta' Mejju, 2005, u/jew f'xi data qabel issottometta informazzjoni f'tagħrif, fid-doument tad-Dwana SAD Reference No 2006600393110 relatat ma' Fattura bin-numru 7088 datata 29-3-2006, biex sussegwentament tkun tista' tiġi rilaxxata konsenja ta' 658 kaxxa Frozen Beef (10,529.3 Kgs), liema dokumenti juru valuri anqas minn dak oriġinali. B'dawn id-dokumenti, hu xjentament għamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valur reali fis-sens li l-valur dikjarat kien ta' Lm19,550 (€45,539), dazju mħallas kien ta' Lm16,247 (€37,846) meta fil-fatt il-valur reali kellu jkun ta' Lm39,100 (€91,079) u Lm18,750 (€43676) rispettivament. B'hekk bil-ħsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta, hu xjentament kellu b'xi mod x'jaqsam filli bil-qerq jinħarab id-dazju li jammonta għal Lm 2,503 (€5,830). Il-merkanzija in kwistjoni kienet ġiet importata f'Malta fl-14 ta' Mejju, 2006, minn New Zealand mal-vapur 'Stefan J' u ġiet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana TDID (Declaration) No. 2006600393110.

Id-dazju totali evadut, fuq dawn il-konsenji tal-laħam indikati fil-paragrafi 6 u 7, jammonta għal €21,634.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna ukoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esebiti.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tas-16 ta' Mejju, 2016,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

a) Fl-artikoli 17, 18, 23 u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 308 u 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) Fl-artikoli 62(f)(g)(h)(i)(m) tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta;
f) Fl-artikoli 62(f)(g)(h)(i)(m) tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta;
g) Fl-artikoli 62(f)(g)(h)(i)(m) tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta;
h) Fl-artikoli 62(f)(g)(h)(i)(m) tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta;
i) Fl-artikoli 10(2) u 18A tal-Kap 337 tal-Ligijiet ta' Malta; u
j) Fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazjoni.

---

[1] Fol.230

Ikkunsidrat-

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew bejn l-2004 u l-2007, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fit-3 ta' Dicembru, 2015.

Illi l-imputat jinsab akkuzat preliminarjament bir-reati ta' (1) frodi; (2) falsifikazzjoni; (3) li xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dokument mahsub ghall-awtorita' pubblika cioe' lid-Dipartiment tad-Dwana; u (4) evazjoni tad-dazju dovut.

Rat li fis-seduta tat-2 ta' Dicembru, 2016, l-imputat rregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hu nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena u senjatament dwar kif ghandha tigi kalkolata l-multa prevista bl-artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnhu ammessi.

Illi jibda biex jinghad illi r-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat jirrisalu ghal 2004-2007.

Illi d-divergenza li nqalghet bejn l-Prosekuzzjoni u l-imputat kienet fuq il-komputazzjoni tal-multa li kellha tigi imposta. L-artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, <u>fiz-zmien tat-twettiq tar-reati</u>,

kien jipprovdi li min jinstab hati jehel multa ekwivalenti ghal tlett darbiet l-ammont ta' dazju *li ghandu jithallas* fuq l-oggetti jew is-somma ta' €582.34, skond liema ammont ikun l-akbar, jew ghal dik il-multa flimkien ma' prigunerija mhux izjed minn sentejn.

Illi l-Prosekuzzjoni tippretendi li l-multa imposta ghandha tkun tlett darbiet id-dazju totali li kien dovut *inkluz ghalhekk dak id-dazju li diga' thallas*.

Fir-rigward tar-raba u l-hames imputazzjoni dawn l-akkuzi jirrigwardaw dikjarazzjonijiet foloz relatati ma fatturi fejn l-imputat kien indika valuri aktar baxxi milli valur reali, izda peress li dak iz-zmien id-dazju kien biss levy li kien jinhadem fuq il-piz, ma rrizulta ebda dazju perikolat.[2] Kien hemm izda zewg istanzi fejn kien hemm dazju perikolat u cioe' in kwantu jirrigwarda is-sitt u s-seba imputazzjoni.

F'dawn l-istanzi d-dazju totali dovut kellu jkun ta' €31,633 + €43,676 ekwivalenti ghal €75,309. Minn dan l-ammont jirrizulta li l-imputat diga' hallas €53,675. Ghalhekk id-dazju evaz kien fl-ammont ta' €21,634[3] u cioe` €15,804 + €5,830[4] rispettivament.

Il-Prosekuzzjoni ghalhekk tikkontendi li l-multa li ghandha tigi imposta ghandha tkun €225,927[5] u mhux €64,902[6] kif pretiz mid-difiza.

Fis-sottomissjonijiet taghha tul dawn il-proceduri d-difiza ghamlet riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Benjamin sive Benny Mamo et**[7] fejn gie dikjarat:

*"L-Avukat Generali jippretendi li l-multa li ghandha tithallas miz-zewg appellati ghandha tkun ta' €35,457.72. Huwa jibbaza l-kalkolu tieghu fuq il-valuri indikati fid-dokument a fol. 48 li huwa dokument mibghut mid-Dwana Ingliza lid-Dwana Maltija fit-30 ta' Settembru 1994. Din il-Qorti pero' ma tistax tikkondividi l-pretensjoni ta' l-Avukat Generali peress illi kemm fl-akkuza original kif ukoll fil-letter to prosecute (a fol 14-15), id-dazju li gie indikat bhala li gie evaz kien ta' Lm1,393. Difatti dan l-ammont jirrizulta mill-komputazzjoni maghmula mid-Dwana u kif rizultanti mid-dokument datat 26 ta' Novembru 1994 a fol.71. Huwa minnu li d-dazju totali kellu jkun ta' Lm5,074, izda minn dak l-ammont l-appellati hallsu Lm3,681, biex b'hekk id-dazju evaz kien ta' Lm1,393.*

*Issa, skond l-artikolu 62 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta, min jinstab hati tar-reati indikati, **"jehel ghal kull wiehed minn dawk ir-reati multa ekwivalenti ghal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li ghandu***

[2] Xhieda Carmel Attard a fol. 245 et seq.
[3] Rapprezentanti LM9,319.
[4] Rapprezentanti LM6,816 u Lm2,503.
[5] €75,309 x 3
[6] €21,634 x 3
[7] Appell Kriminali deciz fid-9 ta' Gunju 2010 per Onor. Imhallef Dr. David Scicluna

***jithallas fuq l-oggetti jew hames mija u tnejn u tmenin euro u erbgha u tletin centezmu (€582.34), skond liema jkun l-akbar, hekk li terz minn dan l-ammont ghandu jitqies bhala dejn civili addebitat u li jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana, jew ghal dik il-multa flimkien ma' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn."***

*Peress illi d-dazju evaz kien ta' Lm1,393 (illum ekwivalenti ghal €3,244.82), tliet darbiet dan l-ammont jigi Lm4,179 (illum ekwivalenti ghal €9,734.46). Ghalhekk kull wiehed mill-appellati ghandu jhallas tali ammont".*

Din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddipartixxi minn dan l-insenjament tenut kont li <u>fl-akkuza innifisha l-imputat jinsab akkuzat li evada l-ammont ta' €21,634 liema ammont huwa l-ammont imsemmi fil-*letter to prosecute*</u>[8] kif ukoll tenut kont tal-fatt li l-imputat diga hallas €53,675. Id-dazju evaz huwa €21,634.

Huwa indikattiv ukoll li fid-dicitura tal-ligi kif kienet taqra qabel l-emendi introdotti bl-Att III tal-2013, ma kienet tezisti ebda distinzjoni fit-tifsira ta' *"dazju li ghandu jithallas".* Kien biss bl-emendi tal-2013 li nghatat tifsira differenti ghal "*dazju li ghandu jithallas" u "dazju perikolat"* biex b'hekk ir-*ratio legis* ma baqghetx suggetta aktar ghall-interpretazzjoni.

Fil-kawza **Il-Pulizija vs Gordon Spiteri,** li kien kaz li jirrigwarda akkuzi simili li jirrisalu ghall-istess zmien (u cioe` <u>fl-2007 u fiz-zmien ta' qabel</u>) fejn il-kontenzjuz kien identiku ghal dak fil-kaz in dezamina, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali waslet ghall-istess konkluzjoni dwar dan il-punt: [9]

Din il-Qorti tqis li d-dover u d-dmir taghha huwa li taghmel haqq u twettaq gustizzja u certament dak li huwa pretiz mill-Prosekuzzjoni huwa nieqes minn dawn l-elementi.

Inoltre' dan ir-reat sehh fis-sena 2007. Permezz ta' l-Att III tas-sena 2013 l-Artikolu 18A tal-Kapitolu 337 (riferut fl-akkuza u fil-*letter to prosecute*) gie revokat. Ghaldaqstant ladarba m'ghadux reat taht il-ligi taghna u l-principju huwa li ghandha tigi applikata l-ligi l-izjed favorevoli ghall-imputat din il-Qorti mhux se tinoltra' ruhha oltre' fuq dan l-artikolu.

Fl-ahhar nett, permezz ta' l-Att III tas-sena 2013 dahlu fis-sehh diversi emendi fosthom fl-artikolu 2 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap 37) fejn minnufih wara t-tifsira 'dazju' zdiedu t-tifsiriet "dazju li ghandu jithallas" [li jfisser id-dazju kollu dovut fuq l-oggett u jinkludi kemm id-dazju li diga' thallas, kif ukoll id-dazju perikolat] u "dazju perikolat" [li jfisser id-differenza bejn id-dazju kollu dovut fuq oggett u d-dazju li thallas fuq l-istess oggett]. Imbaghad l-artikolu 62 tal-kap 37 gie wkoll emendat parti minnu u inkwantu ghall-piena li tigi imposta meta jkun hemm vjolazzjoni tal-Ordinanza llum jaqra hekk:

"*jehel ghal kull wiehed minn dawk ir-reati multa ekwivalenti ghal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li ghandu jithallas fuq l-oggetti jew hames darbiet l-ammont ta' dazju perikolat, liema minnhom hu l-inqas,*

---

[8] Dok.JC fol.134 et seq
[9] 23.03.2015 per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli

*izda f'kull kaz mhux inqas minn sitt mitt euro (€600), hekk li terz minn dak l-ammont ghandu jitqies bhala dejn civili addebitat u li jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana, jew ggal dik il-multa flimkien ma' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn; u l-hati jista' jigi arrestat jew migjub quddiem il-qorti b'citazzjoni bil-mod u fil-forma kif jinghad fil-Kodici Kriminali, u skont id-disposizzjonijiet l-ohra kollha ta' dak il-Kodici"*

Billi din il-Qorti diga' esprimiet ruhha dwar il-multa li ghandha tigi imposta, b'applikazzjoni tal-ligi li kienet fis-sehh meta twettaq ir-reat ghandha tkun tikkonsisti fid-dazju evaz multiplikat bi tlett darbiet isegwi li l-ligi meta sehh ir-reat hija l-aktar wahda favorevoli ghall-imputat (billi l-ligi kif emendat hija fis-sens li d-dazju evaz multiplikat ghal 5 darbiet).

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qieghed jinstab hati dwarhom l-imputat, il-fedina penali netta tieghu, l-fatt li dawn il-proceduri jirrisalu ghal 2010, fejn l-akkuza giet moqrija biss aktar minn hames snin u nofs wara li giet prezentata c-citazzjoni fil-konfront tal-imputat, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ittiehed konsiderazzjoni tal-fatt li kif stqarru l-ufficjal prosekutur kif ukoll l-ufficjali tad-dwana, l-imputat kkolabora mal-awtoritajiet investigattivi sa mill-bidu nett. Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi piena karcerarja ma tkunx wahda idoneja.

Illi l-akkuzi numru tnejn, tlieta, sitta u seba, twettqu bhala mezz ghall-fini u ghaldaqstant huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni. Illi r-raba u l-hames imputazzjoni huma assorbiti fit-tieni imputazjoni.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 23, 31, 183, 184, 188, 308, 310(1)(a)[10] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 18, 62(f)(g)(h)(i)(m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 10(2) tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha u tikkundannah ghall-ghoxrin xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal sentejn, kif ukoll ghall-hlas ta' multa fl-ammont ta' erba u sittin elf disgha mija u zewg Euro (€64,902), hekk li terz minn dan l-ammont (ekwivalenti ghal €21,634) ghandu jitqies bhala dejn civili addebitat li jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana.

Wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil hati ihallas iz-zewg terzi tal-ammont tal-multa imposta, li mhux meqjusa bhala dejn civili, fi zmien tlett snin ratejalment bl-ewwel pagament jsir dovut fl-ewwel ta' Marzu, 2017.

[10] Fi zmien li sehh ir-reat il-piena taht l-artikolu 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali kienet dik ta' priguneria minn tlettax il-xahar sa sebgha snin

F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx kif hekk ordnat, ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**